



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2020
COM(2020) 275 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

ta' Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-
ġustizzja soċjali u r-reżiljenza**

{SWD(2020) 123 final}

ANNEX I Atti legali rilevanti fil-qasam tal-ħiliet, tal-edukazzjoni u t-taħriġ

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' April 1963 li ttiprovdi prinċipji ġenerali għall-implimentazzjoni ta' politika komuni għat-taħriġ professjonali¹.
2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali² jistieden lill-Istati Membri sabiex ikollhom arranġamenti għall-validazzjoni ta' apprendiment mhux formali u informali li jippermettu lill-individwi jiksbu kwalifiki li jikkonformaw mal-istandards miftehma li jew huma l-istess bħall-istandards għall-kwalifiki miksuba minn programmi ta' edukazzjoni formali jew ekwivalenti għalihom.
3. Ir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), ta prijorità lill-għoti ta' ħiliet fil-kitba u fil-qari, fil-matematika bażika u fil-ħiliet diġitali u l-għoti ta' biżżejjed opportunitajiet li jagħtu ċans ieħor ta' tagħlim u li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta tal-QEK għal dawk mingħajr kwalifiki tal-livell 4, fil-qasam tal-apprendiment tal-adulti fost l-oħrajn³. Ir-Rapport Konġunt jinkludi wkoll riżultati fuq perjodu medju għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jinkludu aċċess aħjar għall-kwalifiki għal kulħadd permezz ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali aktar flessibbli u permeabbli, b'mod partikolari billi jiġu offruti servizzi ta' gwida effiċjenti u integrati u billi l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ssir disponibbli.
4. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti⁴, titlob lill-Istati Membri sabiex itejbu l-aċċess u t-teħid ta' opportunitajiet ta' apprendiment ta' kwalità għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet fi tliet passi ewlenin: il-valutazzjoni tal-ħiliet, il-provvista ta' offerta ta' tagħlim mfassla apposta għall-individwu u validazzjoni u rikonoxximent tal-ħiliet miksuba.
5. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) għat-tagħlim tul il-hajja⁵ tiżgura li l-kwalifiki b'livell tal-QEK jissejsu fuq prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità (l-Anness IV tar-Rakkomandazzjoni tal-QEK) u li l-prinċipji komuni għas-sistemi ta' kreditu jintużaw meta l-kwalifiki b'livell tal-QEK jinbnew minn krediti (l-Anness V tar-Rakkomandazzjoni tal-QEK).
6. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati⁶ titlob lill-Istati Membri biex itejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjoni u l-eżiti tal-gradwati tal-edukazzjoni għolja sal-2020.
7. Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass)⁷ tistabbilixxi pjattaforma li se tappoġġa d-dokumentazzjoni u d-deskrizzjoni ta' ħiliet u kwalifiki u toffri għodda għal Portafoll elettroniku għall-utenti (pereżempju dawk li qed ifittxu impjieg, l-istudenti) biex jaħżnu l-

¹ ĠU : JOP_1963_063_R_1338_01

² ĠU C 398, 22.12.2012.

³ Ara l-Anness II tal-QEK dwar id-Deskritturi li jiddefinixxu l-livelli tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki

⁴ ĠU C 484, 24.12.2016.

⁵ ĠU C 189, 15.6.2017.

⁶ ĠU C 423, 9.12.2017.

⁷ ĠU L 112, 2.5.2018.

informazzjoni dwar il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom, joħlqu CVs u applikazzjonijiet għax-xogħol. Din se sservi wkoll ta' portal web b'informazzjoni dwar il-kwalifiki u dwar is-sistemi tal-kwalifiki, il-gwida, il-validazzjoni u r-rikonoxximent u suġġetti oħrajn marbuta mal-ħiliet u l-kwalifiki. Is-servizz il-ġdid tal-Europass se jappoġġa wkoll l-użu tas-servizzi ta' awtentikazzjoni (pereżempju l-firem/iċ-ċertifikati diġitali).

8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja⁸ tenfasizza l-bżonn li jiġi indirizzat l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, u li jeħtieġ li l-appoġġ ikun żgurat fil-livelli kollha tal-perkorsi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim inkluż permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu.
9. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-kwalifiki tat-taħriġ u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż⁹, tistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-passi meħtieġa biex sal-2025 jinkiseb rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni sekondarja għolja, kif ukoll rikonoxximent tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment għall-ħidma lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Din ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza l-bżonn li l-istrumenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità jiġu żviluppatti aktar f'konformità mal-Qafas Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali u mal-iżviluppi ulterjuri tagħha bil-ħsieb li jrawmu t-trasparenza u jibnu l-fiduċja fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' xulxin. Sabiex tiffaċilita l-mobbiltà u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ir-Rakkomandazzjoni titlob ukoll li jiġi estiż l-użu tal-ġhodda tal-UE żviluppatti fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali: bħal dawk disponibbli permezz tal-pjattaforma online tal-Europass u l-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Apprendiment li huma parti mis-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali.
10. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni¹⁰ jenfasizzaw "li l-inizjattivi inklużi fil-kunċett u l-azzjonijiet futuri li għandhom jiġu proposti u mwettqa bħala parti minn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ... għandhom jinkludu l-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż l-edukazzjoni tal-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali".
11. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni¹¹ biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ orjentati lejn il-futur tfakkar li "ż-żona għandha tkun ibbażata fuq il-kontinwità tat-tagħlim tul il-ħajja, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni skolastika u vokazzjonali u t-taħriġ, sal-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti".
12. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti¹² jenfasizzaw il-bżonn li jiġu stabbiliti miżuri fuq terminu twil

⁸ ĠU C 189, 4.6.2018.

⁹ ĠU C 444, 10.12.2018.

¹⁰ ĠU C 195, 7.6.2018, p. 7-10.

¹¹ ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1-6.

¹² ĠU C 189, 5.6.2019.

sostenibbli għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti bħala parti minn approċċ strateġiku usa' għall-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja.

13. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar l-Ekonomija tal-Benesseri jstiednu wkoll lill-Istati Membri sabiex jippromwovu politiki komprensivi, ta' taġħlim tul il-ħajja kif ukoll ħiliet u żvilupp tal-kompetenzi tul il-ħajja.
14. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2020"¹³ tistabbilixxi prijoritajiet sabiex tbiddel l-Unjoni f'ekonomija sostenibbli, tkun il-mutur tat-tranżizzjoni doppja, dik diġitali u dik ekoloġika, tbiddel l-Ekonomija tas-Suq Soċjali biex tiżgura li l-Ewropa tibqa' l-post bis-sistemi ta' benefiċċji soċjali l-aktar avvanzati fid-dinja u tkun ċentru vibranti ta' innovazzjoni u ta' imprenditorija kompetittiva. Din tenfasizza bil-kbir fuq il-bżonn li jissaħħaħ l-investment fuq il-ħiliet u fuq ir-riformi tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

¹³ COM (2019) 650 final

ANNEX II Il-qafas tal-EQAVET

Parti A. Deskritturi indikattivi tal-EQAVET

Id-deskritturi indikattivi tal-EQAVET għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-VET meta jimplementaw il-Qafas tal-EQAVET. Huma strutturati f'fażijiet ta' ċiklu tal-kwalità: *Ippjanar - Implimentazzjoni- Evalwazzjoni- Rieżami*. Jistgħu jiġu applikati kemm għall-VET inizjali kif ukoll għal dawk kontinwi u japplikaw għall-ambjenti kollha tal-apprendiment: dak fl-ambitu tal-iskola u dak permezz tax-xogħol inkluż l-iskemi tal-apprendistati.

Kriterji ta' Kwalità	Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET	Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET
<p>L-ippjanar jirrifletti viżjoni strateġika komuni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jinkludi għanijiet/objettivi, azzjonijiet u indikaturi espliċiti</p>	<p>L-għanijiet/objettivi tal-VET huma deskritti għall-perjodi medji u fit-tul, u huma konnessi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u Ewropej li jqisu l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà ambjentali</p> <p>Is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jieħdu sehem fl-istabbiliment tal-għanijiet u l-objettivi tal-VET fil-livelli differenti</p> <p>Il-miri huma stabbiliti u mmonitorjati permezz ta' indikaturi speċifiċi (kriterji ta' suċċess)</p> <p>Il-mekkaniżmi u l-proċeduri ġew stabbiliti sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà</p> <p>Il-politika ta' informazzjoni ġiet imfassla sabiex tiżgura diffużjoni ottima ta' riżultati/eżiti ta' kwalità soġġetti għar-rekwiżiti nazzjonali/reġjonali tal-protezzjoni tad-<i>data</i></p> <p>L-istandards u l-linji gwida għar-rikonossiment, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi tal-individwi ġew iddefiniti</p> <p>Il-kwalifiki tal-VET huma deskritti permezz tal-eżiti tal-apprendiment</p> <p>Il-mekkaniżmi huma stabbiliti għall-assigurazzjoni tal-kwalità tad-disinn, tal-valutazzjoni u tar-rieżami tal-kwalifiki</p>	<p>L-għanijiet/objettivi Ewropej, nazzjonali u reġjonali tal-politika tal-VET huma riflessi fil-miri lokali stabbiliti mill-fornituri tal-VET</p> <p>L-għanijiet/objettivi u l-miri espliċiti huma stabbiliti u mmonitorjati, u programmi sabiex jiksuhom huma mfassla</p> <p>Konsultazzjoni kontinwa mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha li ssejtnu sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet lokali/individwali speċifiċi</p> <p>Ir-responsabbiltajiet fil-ġestjoni u l-iżvilupp tal-kwalità ġew allokati espliċitament</p> <p>Hemm involviment bikri tal-persunal fl-ippjanar, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tal-kwalità</p> <p>Il-fornituri jippjanaw inizjattivi ta' kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti</p> <p>Il-partijiet ikkonċernati rilevanti jieħdu sehem fil-proċess ta' analiżi tal-ħtiġijiet lokali</p> <p>Il-fornituri tal-VET japplikaw sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità espliċita u trasparenti</p> <p>Il-miżuri huma mfassla biex jiżguraw il-konformità mar-regoli ta' protezzjoni tad-<i>data</i></p>

Kriterji ta' Kwalità	Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET	Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET
	<p>Il-programmi tal-VET jtfasslu sabiex jippermettu perkorsi ta' apprendiment flessibbli u jirreaġixxu minnufih għall-ħtiġijiet li jinbidlu tas-suq tax-xogħol</p>	
<p>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni huma mfassla f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u jinkludu prinċipji espliċiti</p>	<p>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni huma stabbiliti f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, mal-fornituri tal-VET u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-livelli differenti</p> <p>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni jinkludu konsiderazzjoni tar-riżorsi meħtieġa, tal-kapaċità tal-utenti u l-għodda u tal-linji gwida meħtieġa bħala appoġġ</p> <p>Il-linji gwida u l-istandards tfasslu għall-implimentazzjoni fil-livelli differenti. Dawn il-linji gwida u standards jinkludu l-valutazzjoni, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki</p> <p>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni jinkludu appoġġ speċifiku għat-taħriġ tal-għalliema u ta' min iħarreġ, inkluż għall-ħiliet diġitali u għas-sostenibbiltà ambjentali.</p> <p>Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri tal-VET fil-proċess ta' implimentazzjoni huma espliċitament deskritti u huma trasparenti</p> <p>Tfassal qafas nazzjonali u/jew reġjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jinkludi linji gwida u standards tal-kwalità fil-livell tal-fornituri tal-VET sabiex jippromwovi titjib kontinwu u awtoregolamentazzjoni</p>	<p>Ir-riżorsi huma allinjati/assenjati internament b'mod adegwat bil-ħsieb li jinkisbu l-miri stabbiliti fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni</p> <p>Is-sħubijiet rilevanti u inklużivi, li jinkludu dawk bejn l-għalliema u min iħarreġ, huma appoġġati espliċitament għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ipplanati</p> <p>Il-pjan strateġiku għall-iżvilupp tal-kompetenza tal-persunal jispeċifika l-ħtieġa ta' taħriġ għall-għalliema u għal dawk li jħarrġu</p> <p>Il-persunal jitħarreġ regolarment u jiżviluppa kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni rilevanti għall-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u għat-titjib tal-kwalità, u għat-tisħiħ tal-prestazzjoni</p> <p>Permezz tal-programmi għall-fornituri tal-VET, l-istudenti jiksibu l-eżiti tal-apprendiment mistennija u huma involuti fil-proċess tal-apprendiment</p> <p>Il-fornituri tal-VET iwieġbu għall-bżonnijiet tal-apprendiment tal-individwi permezz ta' approċċ iffokat fuq l-istudent li jippermetti lill-istudenti jiksibu l-eżiti tal-apprendiment mistennija</p> <p>Il-fornituri tal-VET jippromwovu l-innovazzjoni fil-metodi ta' taġlim u ta' apprendiment, fl-iskola u fil-post tax-xogħol, appoġġati mill-użu ta' teknoloġiji diġitali u għodod ta' apprendiment online.</p> <p>Il-fornituri tal-VET jużaw metodi</p>

Kriterji ta' Kwalità	Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET	Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET
		validi, preċiżi u affidabbli biex jivvalutaw l-eżiti tal-apprendiment tal-individwu
L-evalwazzjoni tal-eżiti u tal-proċessi titwettaq regolarment u hija appoġġata minn kejl	<p>Tfasslet metodoloġija għall-evalwazzjoni, li tkopri evalwazzjoni interna u esterna</p> <p>Jintlaħaq qbil u jiġi deskritt b' mod ċar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni</p> <p>L-istandards u l-proċessi nazzjonali/reġjonali għat-titjib u għall-assigurazzjoni tal-kwalità huma rilevanti u proporzjonati għall-ħtiġijiet tas-settur</p> <p>Is-sistemi huma soġġetti għall-awtoevalwazzjoni, għar-rieżami intern u estern, kif xieraq</p> <p>Jiġu implimentati sistemi ta' twissija bikrija</p> <p>Huma applikati l-indikaturi tal-prestazzjoni</p> <p>Iseħħ għbir rilevanti, regolari u koerenti tad-<i>data</i>, sabiex jitkejjel is-suċċess u jiġu identifikati l-oqsma li jistgħu jitjiebu. Tfasslu metodoloġiji xierqa tal-għbir tad-<i>data</i>, bħal kwestjonarji u indikaturi/metrika</p>	<p>L-awtovalutazzjoni/awtoevalwazzjoni titwettaq perjodikament skont ir-regolamenti/l-oqfsa nazzjonali u reġjonali jew fuq inizjattiva tal-fornituri tal-VET, u tkopri wkoll il-prontezza diġitali u s-sostenibbiltà ambjentali tal-istituzzjonijiet tal-VET.</p> <p>L-evalwazzjoni u r-rieżami jkopru proċessi u riżultati/eżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jinkludu l-valutazzjoni tas-sodisfazzjon tal-istudenti kif ukoll tal-prestazzjoni u s-sodisfazzjon tal-persunal</p> <p>L-evalwazzjoni u r-rieżami jinkludu l-għbir u l-użu tad-<i>data</i>, u l-mekkaniżmi adegwati u effettivi li jinvolve l-partijiet ikkonċernati interni u esterni</p> <p>Jiġu implimentati sistemi ta' twissija bikrija</p>
Rieżami	<p>Il-proċeduri, il-mekkaniżmi u l-istrumenti biex iseħħu r-rieżamijiet huma definiti u użati biex itejbu l-kwalità tal-forniment fil-livelli kollha</p> <p>Il-proċessi jiġu rieżaminati regolarment u jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni għall-bidla. Is-sistemi huma aġġustati kif meħtieġ</p> <p>L-informazzjoni dwar l-eżiti tal-evalwazzjoni hi disponibbli pubblikament</p>	<p>Tinġabar informazzjoni mill-istudenti dwar l-esperjenza tal-apprendiment individwali tagħhom u dwar l-ambjent tal-apprendiment u tat-tagħlim. Flimkien mal-informazzjoni mill-għalliema, minn min iħarreġ u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, din tintuża bħala bażi għal azzjonijiet ulterjuri</p> <p>L-informazzjoni dwar l-eżiti tar-rieżami tkun disponibbli b' mod wiesa' u pubblikament</p> <p>Il-proċeduri dwar l-informazzjoni</p>

Kriterji ta' Kwalità	Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET	Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET
		<p>mogħtija u r-rieżami huma parti minn proċess strateġiku ta' apprendiment fl-organizzazzjoni, jappoġġaw l-iżvilupp ta' forniment ta' kwalità għolja, u jtejbu l-opportunitajiet għall-istudenti.</p> <p>Ir-riżultati/l-eżiti tal-proċess tal-evalwazzjoni huma diskussi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni xierqa</p>

Parti B: Sett ta' referenza tal-Indikaturi tal-EQAVET

Din it-taqsimha tiddefinixxi sett ta' indikaturi ta' referenza li jistgħu jintużaw għall-appoġġ għall-evalwazzjoni u għat-titjib tal-kwalità tas-sistemi tal-VET nazzjonali/reġjonali u/jew għall-fornituri tal-VET meta jimplementaw il-qafas tal-EQAVET.

Indikatur	Tip ta' indikatur	Għan tal-politika
Indikaturi Ġenerali għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità		
<i>Numru 1</i>		
Rilevanza tas-sistemi ta' assicurazzjoni tal-kwalità għall-fornituri tal-VET: (a) proporzjon tal-fornituri tal-VET li japplikaw sistemi interni ta' assicurazzjoni tal-kwalità definiti mil-liġi/b'inizjattiva proprja (b) proporzjon tal-fornituri akkreditati tal-VET	Indikatur tal-kuntest/kontribut	Promozzjoni ta' kultura ta' titjib tal-kwalità fil-livell tal-fornituri tal-VET Żieda fit-trasparenza tal-kwalità tat-taħriġ Titjib tal-fiduċja reċiproka fil-forniment tat-taħriġ
<i>Numru 2</i>		
Investiment fit-taħriġ tal-għalliema u ta' min iħarreġ: (a) proporzjon tal-għalliema u ta' min qed iħarreġ li jieħdu sehem f'taħriġ ulterjuri (b) ammonti ta' fondi investiti, inkluż għall-ħiliet diġitali	Indikatur tal-kontribut/proċess	Promozzjoni tas-sens ta' appartenenza tal-għalliema u ta' min iħarreġ għall-proċess tal-iżvilupp tal-kwalità fil-VET Titjib tar-rispons tal-VET għat-tibdil fid-domanda tas-suq tax-xogħol Żieda fil-bini tal-kapaċità tal-apprendiment individwali Titjib tal-kisbiet tal-istudenti
Indikaturi li jappoġġaw l-oġettivi tal-kwalità fil-politiki tal-VET		
<i>Numru 3</i>		
Rata ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-VET: Numru ta' parteċipanti fil-programmi tal-VET ¹⁴ , skont it-tip	Indikatur tal-kontribut/tal-proċess/tal-output	Kisba ta' informazzjoni bażika fil-livelli tas-sistemi tal-VET u tal-fornituri tal-VET dwar l-attrazzjoni tal-VET

¹⁴ Għat-TVI: jeħtieġ perjodu ta' sitt ġimgħat taħriġ qabel ma l-istudent jitqies bħala parteċipant. Għall-apprendiment tul il-ħajja: il-perċentwal tal-popolazzjoni aċċettata għall-programmi formali tal-VET.

Indikatur	Tip ta' indikatur	Għan tal-politika
ta' programm u l-kriterji individwali ¹⁵		Identifikazzjoni tal-appoġġ għaż-żieda tal-aċċess għall-VET, inkluż għal gruppi żvantaġġati
Numru 4		
Rata ta' tlestija tal-programmi tal-VET: Għadd ta' persuni li jkunu temmew b'suċċess/abbandunaw il-programmi tal-VET, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali	Indikatur tal-proċess/tal-output/tal-eżitu	Kisba tal-informazzjoni bażika dwar il-kisbiet edukattivi u l-kwalità tal-proċessi ta' taħriġ Kalkolu tar-rati ta' rtirar imqabbla mar-rata ta' parteċipazzjoni Appoġġ għat-tlestija b'suċċess bħala wieħed mill-objettivi ewlenin għall-kwalità fil-VET Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi żvantaġġati
Numru 5		
Rata ta' kollokament fil-programmi tal-VET: (a) (a)destinazzjoni tal-istudenti tal-VET f'mument speċifiku wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali ¹⁶ (b) proporzjon tal-istudenti li huma impjegati f'mument speċifiku wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali	Indikatur tal-eżitu	Appoġġ għall-impjegabbiltà Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi żvantaġġati
Numru 6		
Użu ta' ħiliet miksuba fuq il-post tax-xogħol: (a) informazzjoni dwar impjieg, miksuba minn individwi wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip ta' taħriġ u tal-kriterji	Indikatur tal-eżitu (taħlita ta' data kwalitattiva u kwantitattiva)	Żieda fil-kapaċità ta' impjieg Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi

¹⁵ Minbarra l-informazzjoni bażika dwar il-ġeneru u l-età, jistgħu jiġu applikati kriterji soċjali oħrajn, eż. min jitlaq kmieni mill-iskola, l-ogħla kisbiet edukattivi, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, it-tul tal-qgħad.

¹⁶ Għat-TVI: inklużjoni tal-informazzjoni dwar id-destinazzjoni ta' min ma jkomplix.

Indikatur	Tip ta' indikatur	Għan tal-politika
individwali (b) rata ta' sodisfazzjon ta' individwi u ta' min jimpjega bil-ħiliet/kompetenzi miksuba		żvantaġġati
Informazzjoni dwar il-kuntest		
Numru 7		
Rata tal-qgħad ¹⁷ skont il-kriterji individwali	Indikatur tal-kuntest	Informazzjoni ta' sfond għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika fil-livell tas-sistemi tal-VET
Numru 8		
Prevalenza ta' gruppi vulnerabbli: (a) perċentwal ta' parteċipanti fl-VET kklassifikati bħala gruppi żvantaġġati (f' reġjun definit jew f' żona mmirata) skont l-età u s-sess (b) rata ta' suċċess ta' gruppi żvantaġġati skont l-età u s-sess	Indikatur tal-kuntest	Informazzjoni ta' sfond għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika fil-livell tas-sistemi tal-VET Appoġġ għall-aċċess għall-VET għall-gruppi żvantaġġati Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ għal gruppi żvantaġġati
Numru 9		
Mekkaniżmi għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ fis-suq tax-xogħol: (a) informazzjoni dwar il-mekkaniżmi stabbiliti biex jidentifikaw il-bidliet fid-domanda fil-livelli differenti (b) evidenza tal-użu ta' tali mekkaniżmi u tal-effettività tagħhom	Indikatur tal-kuntest/tal-kontribut (informazzjoni kwalitattiva)	Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol Appoġġ għall-impjegabbiltà
Numru 10		

¹⁷ Definizzjoni skont l-ILO: individwi bejn il-15 u l-74 sena mingħajr xogħol u li qed ifittxu impjieg b' mod attiv u li huma lesti biex jibdew jaħdmu.

Indikatur	Tip ta' indikatur	Għan tal-politika
<p>Skemi użati għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar għall-VET u biex jiggwidaw lill-istudenti (potenzjali) tal-VET:</p> <p>(a) informazzjoni dwar skemi eżistenti fil-livelli differenti</p> <p>(b) evidenza tal-effettività tagħhom</p>	<p>Indikatur tal-proċess (informazzjoni kwalitattiva)</p>	<p>Promozzjoni tal-aċċess għall-VET, inkluż għal gruppi żvantaġġati</p> <p>Għoti ta' gwida lill-istudenti (potenzjali) tal-VET</p> <p>Appoġġ għall-forniment adattat tat-taħriġ</p>